**16 ta' Marzu, 1959**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

**Mary Hayman pr. et ne.**

*versus*

**John Hayman**

**Separazzjoni Personali — Alimenti — Mara — Insanità Mentali — Kapaċità — Art. 3 u 6, u 32 u 54 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Hu prinċipju komunement riċevut li kull persuna titqies mentalment sana, sakemm ma jiġix pruvat il-kuntrarju; għaldaqstant, jekk persuna taġixxi kontra oħra, u l-konvenut jagħti l-eċċezzjoni li l-attur huwa mentalment marid, u għalhekk mhux kapaċi joqgħod f'kawża, ma jistax jippretendi li l-Qorti ma għandhiex tagħti l-provvedimenti li jkunu opportuni fil-kawża sakemm tiġi deċiża dik l-eċċezzjoni.*

*Azzjoni għall-alimenti da parti ta' mara kontra żewġha indipendentement minn proceduri għas-separazzjoni personali hija ammissibbli, skond il-ġurisprudenza prevalenti. U f'azzjoni simili il-Qorti tista' tiddekreta favur il-mara, fuq talba tagħha, l-alimenti provviżorji "pendente lite", u dan il-provvediment mhux konsentit biss f'kawżi ta' separazzjoni personali.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni preżentata quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-attriċi ppremettiet illi, mħabba mġieba ħażina u trattament deplorevoli tal-konvenut, kienet kostretta tallontana ruħha mid-dar konjugali, u li l-konvenut ma jridx jgħaddilha manteniment, u li l-konvenut ħadilha t-tifla minuri tagħha jisimha Connie, li għadha ta' età wisq tenera, u lanqas ma jrid jagħtiha ħwejjiġha u l-oġġetti l-oħra li l-attriċi għandha neċessarjament bżonn, u talbet (1) li l-

konvenut jiġi kundannat jibgħat lill-attriċi l-imsemmija tifla minuri ta' sentejn li jisimha Connie Hayman, u dan fi żmien qasir u perentorju, u in difett l-attriċi tiġi awtorizzata tuża l-mezzi kollha li tagħtiha l-liġi biex tieħu lura l-imsemmija tifla; (2) il-konvenut jiġi kundannat, fi żmien qasir u perentorju, jikkonsenja lill-attriċi l-ħwejjeġ u l-ilbies tagħha personali li hija għandha bżonn, kif jiġi pruvat waqt il-kawża; (3) u l-konvenut jiġi kundannat minn dik l-Onorabbli Qorti li jissomministra lill-attriċi proprio et nomine r-retta alimentarja fil-ħin, lok, mod u ammont, li tiffissa dik l-Onorabbli Qorti. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, li baqa' nġunt għas-subizzjoni;

Rat fol. 8 n-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha eċċepixxa li l-attriċi, li kienet għal darbtejn rikoverata fl-Isptar tal-Mard tal-Moħħ, hija mentalment insana, u għalhekk mhix kapaċi li tistitwixxi l-proċess odjern. B'riżerva ta' eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-digriet tal-Ewwel Qorti tas-6 ta' Diċembru 1958, fol. 44, li bih, wara li kkonstatat li hu meħtieġ il-provvediment infraskritt, speċjalment billi l-kawża trid titkompla quddiem il-perit psikjatra u sadattant il-konvenut mhux qiegħed imantni lill-martu l-attriċi, ordnat lill-konvenut li provviżorjament iħallas lill-attriċi pensjoni alimentarja ta' £1. 15. 0 fil-ġimgħa fid-domiċilju tagħha mill-jum stess tad-digriet, u li kull nhar ta' Sibt, fit-3 p.m. sal-4 p.m., jieħu t-tifla Connie, l-ewwel ġimgħa fl-Għassa taż-Żurrieq, u t-tieni ġimgħa fl-Għassa tar-Raħal Ġdid, u hekk minn ġimgħa għall-oħra mill-jum tad-digriet il-quddiem;

Rat ir-rikors tal-konvenut, li bih appella mid-digriet fuq imsemmi, u talab li jiġi riformat, billi tiġi revokata l-parti fejn il-konvenut ġie ordnat iħallas l-alimenti provviżorji lill-attriċi bir-rata u l-modalitajiet hemm indikati, u konfermata dik il-parti tal-istess digriet fejn ġie ordnat lill-konvenut li jieħu lill-bintu Connie ħalli taraha l-attriċi kif ordnat fid-digriet; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Tlieta huma d-doljanzi tal-appellant, ċjoè:— (1) L-ewwel Qorti ma setgħetx tilqa' t-talba verbali tal-attriċi għall-alimenti dment li għadha pendenti l-ewwel eċċezzjoni tal-appellant li l-attriċ hija persuna nkapaċi li toqgħod fil-ġudizzju; (2) f'ġudizzju mhux ta' separazzjoni personali, imma ta' għall-alimenti biss, l-Ewwel Qorti ma setgħetx tiddekreta l-alimenti provviżorji; (3) in subordine, ir-rata alimentarja stabbilita mill-Ewwel Qorti għandha tiġi mnaqqsa;

Dwar l-ewwel gravam;

Kif jidher min-nota fol. 8 tal-inkartament, il-konvenut appellant kien issolleva quddiem l-Ewwel Qorti l-eċċezzjoni tal-inkapaċità tal-attriċi, stante li hi mentalment insana. Bid-digriet tagħha fol. 28, dik il-Qorti nnominat il-perit psikjatra Dottor Antonio Paris sabiex jirrelata dwar dik l-eċċezzjoni. Ir-relazzjoni peritali għadha ma ġietx preżentata;

Issa, hu prinċipju "communiter receptum" li kull persuna titqies mentalment sana, sakemm ma jiġix pruvat il-kuntrarju (ara P.A. 16 ta' Ottubru 1883 "Schembri vs. Galea", Kollez. X, 251; u App. "D'Anastas utrinque", 28 ta' Mejju 1926, Vol. XXVI-I-498, 504; ara wkoll Powell, "On Evidence", 9th edit. p. 213, taħt "Mental Incompetency"; u Taylor, "On Evidence", Vol. I, 287, para. 370, 10th edit.);

Għalhekk l-attriċi għandha titqies kapaċi li taġixxi sakemm ma jiġix pruvat il-kuntrarju. Konsegwentement, dan l-ewwel aggravju għandu jiġi respint;

Dwar it-tieni gravam;

Din hi azzjoni għall-alimenti tal-mara miżżewġa kontra żewġha, indipendentement minn proċeduri ta' separazzjoni personali. Azzjoni simili hi ammissibbli, skond il-ġurisprudenza prevalenti (Kollez. Vol. XXIX-II-438-439, fejn hu msemmi l-istat tal-ġurisprudenza. Issa, l-appellata talbet, fil-kors tal-kawża in prima istanza, l-alimenti provviżorji, jew aħjar talbet l-alimenti "pendente lite";

B'liġi, ir-raġel għandu l-obligu li jmantni lill-martu skond il-mezzi u l-kondizzjoni tiegħu (ara. 3(2) Kap. 23). Dan l-obligu jispiċċa, jew jekk b'sentenza, fuq kawża ta' separazzjoni, il-mara tiġi dikjarat dekaduta mid-dritt li titlob l-alimenti, jew jekk il-mara, wara li tkun ħalliet id-dar konjugali, tirrifjuta terġa tmur lura mingħajr ma jkollha raġuni ġusta. Fin-nuqqas ta' dawn l-eventwalitajiet, jibqa' l-obligu tar-raġel li jmantni lill-martu (ara minbarra d-dispożizzjonijiet analogi fit-titolu tas-Separazzjoni Personali, u minbarra l-art. 6 fil-Kap. 23, Kollez. Vol. XXIX-II-313, u ibidem 428);

Issa, fil-każ preżenti ma kienx hemm proċeduri ta' separazzjoni "a thoro et mensa", u għad ma ġiex pruvat li l-attriċi, wara li telqet mid-dar konjugali, qiegħedha tirrifjuta tmur lura bla ma għandha raġuni tajba. Mela baqa' jissussisti l-obligu tal-konvenut li jmantniha, skond l-art. 3 fuq ċitat, sija jekk dawn l-alimenti jiġu mogħtija lilha *waqt li qiegħeda ssir din il-kawża tal-lum, sija jekk jin*għataw lilha wara li tinqata' u f'każ ta' eżitu favorevoli għaliha. B'dan li ingħad hu ovvju li hu ġustifikat l-għoti ta' alimenti fil-pendenza tal-kawża, sija pure jekk din tkun biss kawża ta' alimenti;

*Din il-Qorti*, bir-rispett kollu għall-ġudikant li emetta dik is-sentenza, ma taqbelx ma' dak li ġie ritenut fis-sentenza in re "Cozzo utrinque", 31 ta' Mejju 1929 (deċiża definittivament fit-30 ta' Ġunju 1930). Ġie osservat f'dik is-sentenza li, fejn riedet tagħti l-alimenti provviżorji, il-liġi qalitu "expressis verbis", bħal ma għamlet fl-art. 32 u 54 Kap. 23. Jiġi osservat li, tant fl-artikolu wieħed kemm fl-ieħor, il-liġi kienet qiegħeda ssemmi espressament "li jkun hemm kawża pendenti"; infatti, fl-art. 32 qalet:— "Meta jkun hemm talba għall-manteniment......"; u fl-art. 54 qalet:— "Fiż-żmien li tkun miexja l-kawża għall-firda ......". Kien. għalhekk, f'loku u opportun li jingħad, dwar l-alimenti, "pendente lite". Mentri fiż-żewġ artikoli li jgħoddu għal kawża bħal dik odjerna, ċjoè l-art. 3 u l-art. 6, ma hemmx imsemmija ebda kawża, imma biss l-obligu

u ċ-ċessazzjoni tiegħu, u għalhekk ma kienx hemm lok li jissemmew l-alimenti "pendente lite";

Dak il-ġudikant kien ukoll osserva li, jekk f'kawża simili jingħataw l-alimenti waqt li tkun miexja l-kawża, b'daqshekk ikun qiegħed jiġi preġudikat il-meritu. Ma jidherx li hu hekk. Il-mara miżżewġa għandha d-dritt għall-alimenti kontra żewġha; jekk jingħataw lilha alimenti waqt kawża bħal dik tal-lum, dan isir bħala effett ta' dak id-dritt, u mhux għax ikun qiegħed jiġi preġustat il-meritu dwar jekk hi, wara li telqet mid-dar konjugali, għandhiex jew le ġusta kawża biex ma tirritornax; anzi appuntu għax dak il-punt għad ma ġiex deċiż;

Dwar it-tielet gravam;

Ir-rata stabbilita mill-Ewwel Qorti ma hix affattu eżaġerata, u din il-Qorti ma tħossx li għandha tiddisturba d-diskrezzjoni tagħha in propożitu;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma d-digriet appellat bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant.